# Futbol fil-Mosta – 75 Anniversarju

*Joe Quattromani – PRO - MFA Council Member*

Meta ġejt mitlub mill-ħabib tiegħi l-Perit Chris Grech, President tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, biex nikteb dwar l-Istorja tal-Futbol fil-Mosta kelli inqalleb fl-arkivji tal-Każin, kelli nistaqsi nies li kienu involuti qabli fil-football u li għandhom ħajjin u kelli infittex f'kitbiet oħra dwar il-Mosta fil-Librerija Pubblika.

Din is-Sena- 2010, il-Mosta Football Club qed jiċċelebra l-75 sena mit-twaqqif uffiċjali tiegħu.

## Il-Bidu

Sibt li l-logħob tal-ballun fil-Mosta beda sewwa sew fi żmien l-ewwel gwerra dinjija (1914-1918). Iżda kien fis-sena 1935 li l-Mosta daħlet għall-ewwel darba f'logħob kompetittiv organizzat mill-Malta Football Association (MFA). Tim bl-isem ta' Mosta United, iffurmat minn players żgħażagħ, ħafna minnhom minn tas-Sliema, li lagħab fir-raba' diviżjoni.

Jingħad li l-futbol, sport bi storja twila, vvintawh l-Ingliżi fis-seklu dsatax. Logħba sabiħa u attraenti, li tant hija faċli biex tilgħabha u tifhimha li bla tlaqliq ngħid, li hija l-aktar logħba popolari, segwita u favorita madwar id-dinja. Mhux ta' b'xejn li sa mill-1930 id-dinja sportiva bdiet, kull erba' snin torganizza Kompetizzjoni Dinjija tal-football – FIFA World Cup/ Jules Rimet Cup, Tazza li barra prestiġju, unuri u rigali jieħu Trofew ta' 4 kilos deheb mastizz. Aktar tard introduċew kompetizzjoni għal-Timijiet tan-Nazzjonijiet Ewropej u fl-1991 imbagħad żanżnu Tazza Tad-Dinja għan-Nisa.

Mill-esperjenza ta' bosta snin, Assoċjazzjonijiet Mondjali tal-Football jemmnu u jagħrfu b'konvinzjoni, li permezz ta' dan l-isport, speċjalment waqt kompetizzjoni prestiġġjuza, meta l-pajjiżi jiltaqgħu bejniethom permezz tal-football, ikunu qed jippromwovu ħbiberija mhux biss bejn l-individwi, iżda saħansitra bejn nazzjonijiet sħaħ. U l-istorja tagħthom raġun, u barra waqt il-gwerer il-kompetizzjonijiet baqgħu jsiru.

## Stil Ingliż

Fil-Mosta kellna stazzjonati fostna u madwarna, s-servizzi Ingliżi. Kont tarhom kullimkien, kemm fil-Fortizza ta' fuq il-Wied, wara l-Victoria Lines u l-mitjar Ta' Venezja. U biex il-membri tal-Militar setgħu jipprattikaw l-isports, speċjalment il-logħob tal-ballun, fil-limiti tal-Mosta, n-naħa ta' Hal-Man, inbena grawnd tal-football. Grawnd b'qisien normali, miksi biż-żrar u ramel. Illum ngħidu "Għal Grazzja t'Alla," għax konna furtunati. Hemm bosta lokalitajiet f'Malta li ma kellhomx dan il-privileġġ



*Mix-xellug għal-lemin: Emidio Fenech, John Mary Muscat, Lolly Scicluna, Lorry Mizzi, Tony Deguara, Carmel Cuschieri, Pawlu Schembri, Ġiġi Calleja, Joe Saliba, Pupul Calleja (Segretarju), John Spiteri, Victor Zammit (1946-47)*





*1955*
*Fuq wara mix-xellug: Leli Gatt, Joe Grech (Il-Gus – San Francisco), Paul Mallia (Sambus), Frank Fenech (Handrulla), Ganninu Sant, Paul Fenech, Zaren Vassallo (Il-Galletta).*
*Fuq quddiem mix-xellug: Fredu Saliba, Joe Sant, Charles Calleja (Buzunju), George (Fetfet), Manwel (Tal-Busuf).*

bħalna. Tlesta minn kollox fl-1938 u bdew isibuh bħala l-'Grawnd ta' Lagħjba.' Aktar tard waqt żjara tal-Gvernatur Sir Gerald Creasy fil-Mosta, il-grawnd ingħata l-isem "Creasy Ground" u għadda f'idejn l-Malta Playing Fields Association.

Bl-akkwist tal-ground il-ġdid, il-logħob tal-ballun fil-Mosta reġa ħa l-ħajja. Fl-1940 it-team Mosti reġà biddel ismu għal Mosta Rovers FC u applika biex jissieħeb fit-Tielet Diviżżjoni. Iżda minħabba li kienet faqqet it-tieni Gwerra Dinjija l-logħob kompettitiv kollu waqaf ħesrem.

Wara l-gwerra l-MFA reggħet bdiet torganizza logħob kompettitiv fl-1943.

Il-Mosta dak l-istaġun daħlet tilgħab fit-Tielet Divizzjoni bit-team Mosta Olympics. Wara sentejn fl-istess diviżżjoni, l-isem tat-tim reġà nbidel għal-Mosta Athletics. Sal 1948/49 ir-riżultati għat-team tagħna kienu mħallta. Unuri ftit li xejn.

## Xi Smajt

"Il-ħajja f'Malta wara l-gwerra kienet iebsa għal kulħadd, aħseb u ara għalina tfal u żgħażagħ li konna nħobbu l-futbol u xtaqna nipprattikawh". Hekk qalli Vìctor Zammit, wieħed mill-players Mostin ta' dak iż-żmien u llum għall-grazzja t'Alla għadu mimli bil-għomor.

Dari, konna nilgħabu l-ballun kull fejn insibu u kull ħin tal-ġurnata. It-team tagħna kien jilgħab fil-pjazza ta' Triq il-Kbira, fejn illum hemm il-Lord Nelson Bar. Karozzi kienu jgħaddu ftit li xejn, u meta tgħaddi xi waħda, konna nwaqqfu l-logħob, inħalluha tgħaddi u nerġgħu nibdew billi ngħolluha. Il-ballun kien taċ-ċarruta, nixtruh minn għand Dahruwwa. Meta daħlu l-blalen tal-kamoxxa, ġieli ddubbajna xi wieħed m'għand xi suldat. Żarbun ħadd ma kellu. Konna nilgħabu ħafjin, b'xi qorq jew b'xi papoċċ tal-kanvas. Kien bidu iebes, imma kellna rieda tal-azzar.




## Tagħlim u teknika bażika

"F'nofs din il-pjazza ħdejn tal-Markiż, kien hemm ħanut ta' Spiru Zammit –Parrukkier, Alla jtih mitt ġenna. Il-ħanut tiegħu kien qisu l-Club tagħna. Kulħadd hemm kien jinġabar. Kien qisu xehda għasel; għax dan Spiru kien kollox għalina. Kien il-Coach, il-Kumitat, it-tabib, il-missier u fuq kollox ħabib. Kulhadd kien jirrispettah – ġentlom.

Billi f'dan il-ħanut kienu jiġu ħafna suldati Ingliżi jaqtgħu xagħarhom, Spiru kien jitkellem ħafna magħhom. Jarawna daqshekk dilettanti u li xtaqna nitgħallmu



mhux l-ewwel darba li ħallewlna xi papoċċi, żraben tal-futbol, jew biċċiet ċikkulata. Nafu ukoll li lil Spiru ġieli tawh pariri dwar il-logħba, r-regolamenti u t-teknika. U Spiru li kienu jgħidulu kien jgħallmu lilna.

Uhud minnhom tħajjru jilagħbu magħna u l-interess beda jiżdied. Għall-ewwel li ntroducew il-ballun tal-ġilda, billi aħna ma konniex imdorrijin bih, sibniha ftit diffiċli. Billi dan il-ballun kien ikbar, aktar iebes u itqal, mhux l-ewwel darba li stampajna lil xi ħadd f'wiċċu. Kien jintefah bil-pompa tal-idejn, jintrabat b'lazz twil u bejn logħba u oħra kienu jidilkuh bis-sonza jew bix-xaham."

Jien f'dan l-artiklu ma kelli ebda ħsieb nikteb fid-dettal, sena b'sena kif kien l-andament tal-logħob fil-Club tagħna. Iżda ma nistax inħalli barra ġrajjiet importanti. Per ezempju: Matul l-istaġun 1948/49 ix-xorti daħkitilna xi ftit. Kienet inqalet vaganza fit-tieni diviżżjoni u l-Mosta Athletics intgħażlu biex jilagħbu f'dik il-kategorija. Żammejna postna hemmhekk sas-sena 1962 għax f'din is-sena imbagħad, ġejna relegati għat-Tielet diviżżjoni. Sentejn biss wara iżda, irritornajna Second, ħadna c-championship u irbaħna s-Sezzjoni tal-Minors.

Fl-1969 il-Kumitat Mosti, mmexxi mill-Ex Kaxxier tal-MFA, is-Sur Joe Cauchi nefaq somma record (għal dak iż-żmien) ta' Lm1200 biex akkwistajna s-servizz ta' uħud mill-aqwa players tal-First, bil-ħsieb li niċċalinġjaw għall-promozzjoni. Fost il-plejers trasferiti kien hemm Frankie Zammit u Tony Calleja minn għand Valletta, Lino Falzon (prodott Mosti) minn Sliema Wanderers, Turu Cordina minn Tarxien/Hibs u oħrajn. B'dana kollu r-riżultati reġgħu ma ġewx u bqajna fejn konna.

## Era tal-Coaches Tony Cauchi/ Joe Attard

Għall-istaġun 1971/72 il-Kumitat ingaġġa lill-ex-plejer ta' Malta u Floriana, Tony Cauchi bħala Coach, bil-għan li jrawwam u jtella' players żgħażagħ Mostin għal mal-ewwel tim. Ix-xogħol fejjiedi ta' Cauchi ta l-frott mixtieq fl-istaġuni ta' wara għax Mosta FC ġew promossi għall-Ewwel Diviżżjoni fis-sena 1974.

Dak iż-żmien għalkemm forsi wieħed xtaq aħjar, ma nistgħux niftaħru li t-team Mosti gawda xi riżultati straordinarji jew xi suċċessi partikolari. Fil-fatt sena biss wara, erġajna lura fejn konna. Kien diżappunt għal dawk il-bosta segwaċi Mostin li ppretendew aħjar. Ġara li ma konniex tajbin biżżejjed li kapaċi nżommu għall-inqas aktar minn staġun wieħed nilagħbu mal-Kbar.

Bejn l-istaġuni 1972/78 it-team tal-kbar kien għaddej minn żmien pjuttost kwiet. Xejn ambizzjonijiet u xejn suċċessi. Mhux hekk nistgħu ngħidu iżda għat-tim tal-Minors. Matul dan iż-żmien kollu bil-kbar ankrati fit-Tieni Divizzjoni, t-tim taż-żagħar kellhom suċċess wara l-ieħor. Biżżejjed ngħid li erbaħna s-Section tliet darbiet u tliet darbiet oħra wasalna sal-finali tan-Knock out.

Fl-istaġun 1979/80 l-MFA iddeċidiet tbiddel il-format tal-League u ntroduċiet il-Premier Division. B'hekk Mosta FC sabet postha f'diviżżjoni inferjuri. Għaddejna xi snin bi prestazzjonijiet imħallta, pjuttost kwieti. B'danakollu ngħatat attenzjoni speċjali lit-tfal tagħna fl-Under 16 u Minors. Dan ix-xogħol ta' preparazzjoni ħalla l-frott mixtieq meta fl-istaġun 1986/87 mal-Kowċ Mosti Joe Attard, sirna Champions tal-First u rbaħna l-promozzjoni għall-Għola Diviżżjoni, Il-Premier.



*Bil-wieqfa mix-xellug: Joe Quattromani (c), Dennis Falzon, Joe Mamo, Frans Galea, Joe Borg, Charles Mangion, Charles Camilleri, Tony Farrugia, Terry Sammut. Quddiem: Frans Deguara, Charles Buhagiar, Charles Sant, Natalino Chetcuti, Emanuel Bonnici, Peter Schriha*



Imma kif jgħidu l-Istorja tirripeti ruħa. Is-sena ta' wara erġajna koppi. Erġajna waqajna First Division.

## Twaqqfet in-Nursery

Fis-sena 1988 twaqqfet fil-Club tagħna, bl-inizjattiva tal-Perit Ludoviko Micallef u S-Sur Norman Saliba l-'Mosta Youth Nursery'. Nursery b'amministrazzjoni serja u dixxiplinata bdiet fuq pedamenti sodi u matul is-snin baqgħet tikber u titjieb b'set-ups professjonali. Bħala Head Coach ġie ngaġġat Eks-Coach tat-team nazzjonali Guentcho Dobrev. Dan kien diġa' wera l-kapaċitajiet tekniċi tiegħu qabel. Nistgħu ngħidu li minn hemm il-quddiem l-entużjażmu għal-logħob tal-ballun għat-tfal u żgħażagħ Mostin ma naqas qatt. Il-Coaches tagħna b'dedikazzjoni kbira bdew joħorġu t-talenti tat-tfal u jgħallmuhom it-teknika moderna tal-logħba. Mhux ta' b'xejn li mijiet ta' tfal baqgħu ta' kull sena jgħażlu li jattendu għat-taħriġ mal-Mosta Nursery. Ir-riżultati jitkellmu waħidhom.

Matul l-erba' snin ta' wara, t-tims tal-Minors dejjem rebħu s-Sezzjoni u fl-istaġun 1990/91 ġew inkurunati Champions ta' Malta.

Meta dak l-istaġun tneħħa Dobrev, u l-player tagħna Richard Buhagiar issieħeb mal-Floriana, daħal bħala Coach tal-kbar l-Eks-plejer Mosti Charlie Agius. Għalkemm Agius għamel kull ma seta' dan kien għalina żmien negattiv. Fl-aħħar ta' dak l-istaġun saħansitra waqajna Second Division.

## Twieled is-Supporters Club

Kif jgħid il-Malti 'kull deni ħudu b'ġid'. L-għatx għas-suċċessi u l-entużjażmu għar-rebħ tal-Unuri fis-sena 1992 kien wieħed mhux tas-soltu. B'inizjattiva tiegħi u Joe Chetcuti (it-Twil) wellidna l-Mosta FC Supporters Club. Inbidel il-Coach u taħt Ronnie Cocks mhux biss irritornajna għal First, u rbaħna c-Championship, iżda ħadna wkoll il-Kompetizzjoni tan-Knock Out.

Għandi pjaċir ngħid li bil-ħidma ta' bosta nies f'dan il-Kumitat ġdid, il-Mosta Supporters Club fl-ewwel snin ta' ħajja, permezz ta' l-attivitajjiet li konna norganizzaw, għadda lill-Mosta FC somom konsiderevoli ta' flus. Dan minbarra flus oħra li kienu jinġabru waqt il-Festi tal-Milied Mill-Mosta għall-Angli li ngħataw b'risq id-Dar tal-Providenza.

F'dak iż-żmien, il-Kumitat għadda f'idejn Winston Fenech li wkoll ħalla t-timbru tiegħu fuq it-tmexxija tal-Każin. F'dawk is-snin il-Mosta Football Club żamm il-pass ma' timijiet tal-Premier u ntroduċa tim tan-Nisa. L-ewwel teknika tal-logħob tal-ballun lix-xebbiet tagħna ġiet mgħoddija minn Joe Gauci u oħrajn. Iżda għal bosta snin wara l-Mosta Women's tim ġie fdat f'idejn il-Coach Charlie Agius. Minn hemm 'il quddiem, il-prestazzjoni tat-tim tjiebet u r-riżultati bdew ġejjin ukoll. Din l-aħħar sena dan it-team tan-Nisa kien immexxi minn eks-plejer Mosti ieħor Ray Sant.

## Erġajna Premier

Għal sittax-il sena sħaħ it-team tal-kbar żamm l-istess ritmu. Ftit li xejn pretenzjonijiet, lgħabna fil-First Division u kellna prestazzjonijiet imħallta. Fl-istagun 2002/2003 iżda, sar sforz kollettiv minn kulħadd. Il-Kumitat ħalla l-ewwel tim f'idejn il-Coach bravu Pawlu Zammit u f'inqas minn sentejn it-tim Mosti għal darb'oħra ġie promoss għall-Premier Division. Din id-darba ħsibna li stajna nsalvaw postna. Imma donnu x-xorti lilna qatt ma tidħqilna. Għalkemm saru bosta akkwisti biex jissaħħaħ it-team, saħansitra players barranin ta' kalibru u oħrajn b'esperjenza fil-Premier id-destin tagħna sena wara – lura fil-First. Ir-raġuni valida? Hemm spjegazzjoni denja? Jien ma nafx! Misteru!! Bħalissa, waqt li qed nikteb dan l-artiklu, jiġu f'moħħi s-Supporters Mostin. Ta' spiss tiltaqgħa ma' nies b'attitudni negattiva wisq lejn it-tim tagħna. Veru li kulħadd ikun jixtieq li nirbħu, dejjem. Pero'li meta nirbħu kollox sew iżda meta nitilfu jibdew il-botti u t-tmaqdir, naħseb ma nkunux ġusti la mal-plejers, la mal-coaches, wisq inqas mal-Kumitat. Frażijiet dispregattivi li jingħadu fil-ħwienet jew fil-pjazza wara xi telfa minn nies li jaħsbu li jifhmu f'kollox, la jagħmlu ġieħ lil min jgħidhom wisq inqas inisslu kuraġġ f'minn l-aktar ikollu bzonnhom f'dawk iż-żminijiet diffiċli.

La qegħdin fuq dan is-suġġett tajjeb jekk inħarsu wkoll lejn il-wiċċ l-ieħor tal-munita. Il-plejers tagħna li fl-opinjoni tiegħi dejjem ġew stmati tajjeb ħafna, kemm waqt it-taħriġ, kemm waqt il-logħob u saħansitra wara l-logħob, kollha qed jkollhom sens ta' prestiġju lejn il-Club li qed jingaġġhom? Dejjem urew rispett lejn il-Coaches tagħhom, lejn il-flokk li jilbsu u jirrappreżentaw? Dejjem kienu leali lejn is-Supporters li tant jemmnu fihom u jmorru warajhom –xemx u xita? Nieqaf hawn.

Jekk nikkummenta jien x'aktarx niżbalja. Inħalli għalikom tagħmlu ġudizzju.


1986-87
1st Division Champions

## Servizz volontarju mill-qalb

F'artiklu li kiteb fis-sena 1972, dwar l-Istorja tal-Mosta Football Club, il-mibki Eks-plejer u President Hector Muscat isemmi bosta nies li matul iż-żmien taw servizz eċċellenti għall-iżvilupp u tmexxija tat-tim tagħna. Fost l-oħrajn Hector isemmi lit-Tabib Frans Vella, lis-Sinjuri Karm Spiteri, Guzeppi Caruana u Spiru Zammit (il-Parrukkier) il-Kaptan Grech, Billy Ebejer, Manwel Gatt (is-City) Jimmy Galea u Pupull Calleja.

Ma' dawn jien inżid lil Joe Gauchi, JJ Camilleri, Alfred DeGiorgio, George Gatt, Hector Muscat, Il-Perit Ludoviko Micallef, Paul Muscat, Winston Fenech, l-mibki Charles Abela, Joe Gauci u l-President attwali George Galea.

## X'niftakar jien

Jiena ili midħla tal-futbol fil-Mosta għal madwar ħamsin sena. Ta' tfal li konna fi Triq il-Pont, niftakar nilagħbu l-ballun f'xi għalqa żdingata. Wara d-dar tagħna kien hemm l-Għalqa tal-Awrora, illum Triq Baskal Buhagiar. Sidien ta' l-ifran f'dik it-triq kienu jaħznu l-ħatab għall-ħruq fiha. Imma biex nilagħbu l-ballun konna naqbzu x-xatba, nidħlu fil-biċċa ta' ġewwa, diġa mtappna qiegħa bin-nixfa u s-saqajn, u nagħmlu par lasti fin-nofs, minn biċċiet seratizz jew xi fallakka miżmuma dritti bil-ġebel tas-sejjieħ. Hemm hekk konna nqattgħu sigħat sħaħ nilgħabu, speċjalment is-Sibt u l-Hadd wara nofsinhar u/jew fil-vaganzi tas-sajf. U l-ġenituri tagħna kellhom moħħhom mistrieħ li stajna nilgħabu bla tfixkil, bogħod mill-periklu.

Fl-iskola primarja mbagħad, il-logħob sar aktar organizzat. Minn standard four lil xi uħud magħżulin kienu saħansitra jagħtuna par żarbun, par kalzetti,


1992-93 – 2nd Division Champions double winners



1994-95 – FA Trophy Quarter Finals

flok blu jew aħmar u shorts abjad. Imma qatt ma ħallewna neħduhom magħna d-dar.

L-għalliema risponsabbli mill-football, is-Sur Jimmy Galea, s-Sur DeMartino, is-Sur Guzeppi Muscat jew is-Sir Ganni Sammut kienu joħorġuna ngħamlu d-drill fil-bitħa tal-iskola. L-aħħar kwarta tal-brejk ta' nofsinhar, għax il-break it-twil kien siegħa u nofs, kienu jtuna ballun u daqs iljuni feroċi konna niġru warajh, kulħadd rasu baxxuta, jixxuttja kemm għandu saħħa. U l-għalliema minn żewġ klassijiet ta' tletin kienu jagħżlu l-ewwel ħdax u xi ħamsa reserves. Jien qatt ma kont xi plajer li nispikka imma ghax forsi kont xi ftit itwal mill-ohrajn, mhux l-ewwel darba li lagħbuni centre half jew full back. Niftakar iż-żarbun kien qiesu *Aircraft carrier*. Lili, jew għax kbir, jew għax żgħir kien dejjem jisloħli saqajja.

Dak iż-żmien kien isir League bejn l-skejjel ta' l-istess distrett u dawn il-logħbiet kienu mistennija minn kulħadd. Mhux biss minn dawk li kellhom ix-xorti li jilagħbu, iżda saħansitra mill-istudenti l-oħra tal-klassi- kienu jiġu jissapportjawna. Minn fil-għodu, joħduna lkoll bil-Private flimkien mal-għalliema li semmejt. Il-logħob kien isir fil-Ground ta' San Ġużepp il-Hamrun jew il-Mile End. Lura lejn id-dar meta nirbħu konna nkantaw u nħabbtu saqajna, "North, South, East, West, Mosta Boys are the Best." Meta nitilfu pero kienet tkun storja oħra.

## Futbol fl-Oratorju

Wara l-Primarja, għaddejna għal-Liceo. Hemmhekk tħallatna, tiltaqa' ma' studenti minn kullimkien. Nilagħbu bejnietna ma' tal-Klassi tibda tinduna li studenti ġejjin minn irħula oħra kellhom teknika u prattika wisq aktar minna. Per ezempju kelli miegħi tfal minn tas-Sliema, mill-Belt u mill-Furjana li kont nitgħaxxaq narhom jilagħbu, kellhom l-esperjenza. Jien kont naħseb li dawn kienu ħajjithom kollha jilagħbu biss.

Minħabba l-homeworks u l-istudju, x'aktarx konna nikkuntentaw li nilagħbu ftit ballun fil-ground tal-Oratorju nhar ta' Ħadd fil-għodu, wara l-laqgħa tal-Istudenti.

Meta kienu joħorġu jipprattikaw jew għal xi logħba friendly, it-teams tal-kbar, Il-Mosta Hearts jew l-Oratory Boys kien ikollna nwarrbu. Kont rassenjat u nitla narahom mill-gallarija. Xejn xejn ma nissugrax xi xutt ġo wiċċi!

Fil-bidu tas-snin sebgħin fil-Mosta kien hawn qawmien konsiderevoli għal-logħob tal-ballun. Tant li għal xi staguni ġie organizzat league għall-klabbs, ħwienet u għaqdiet tal-lokal. Il-logħob kollu kien isir fil-grawnd tal-Mosta u jintlagħab kull nhar ta' Ħadd wara nofs in-nhar. Kien hemm interess u entużjażmu kwazi eżaġerat, tant li t-tielet sena minħabba argumenti żejda bejn il-parteċipanti,



*It-tijm tar-Red Stars - Mosta League Joe Mamo, John Smmut, Vanni Scrieha, Pawlu Scrieha, Charlie Vassallo, Natalino Chetcuti, Tony Sammut, Jimmy Grima, Joe Borg, Joe Quattromani (c), Charlie Fenech, Joe Bezzina, Charles Agius, Freddie Sammut, Charles Buhagiar, Charles Sant, Charles Camilleri*

l-logħob kellu jieqaf ħesrem. Niftakar tijms bħal "Gunners, Oratory Boys, Old Timers, Dirty Dozen, Red Stars u Kangaroos."

## Jien kont nieħu ħsieb 'Red Stars'

Maż-żmien meta rajt li għalkemm kont inħobbu, qatt ma kont maqtugħ għal-logħob tal-ballun, iddeċidejt li nagħti servizz fil-Kumitat. Domt għal xi snin imma kelli nwarrab. Ħsibt li nagħmel Course ta' Referee. Hekk għamilt u domt nirrefja mal-MFA għal madwar 10 snin. Niftakar mill-Mosta kellna Referees tajbin. Fi żmieni spiss irreffjajt ma' Pawlu Agius (Happiet) Qablu kien hemm ċertu Frans Galea (il-Mosti). Warajna ħarġu Mario Riolo, Charles Agius, Ronnie Farrugia u bintu Estelle. Is-sur Charles Agius u Estelle Azzopardi laħqu grad internazzjonali. Preżentement hemm ukoll Saviour Tanti.

## Żmien ta' Żvilupp

Fis-sena 1999 sar taqlib pożittiv fil-Klabb Mosti, mhux biss fil-Kumitat, iżda saħansitra fl-iżvilupp, mentalita' u tmexxija, kemm amministrattiva u kemm teknika. Nies ġodda daħħlu ideat u sistema gdida, għaqqdu flimkien l-ingredjenti li kienu waqgħu lura fis-snin ta' qabel. It-Trio Charles Abela, Michael Attard u Charles Pace flimkien mal-Kumitati tagħhom ħadmu bla heda b'serjetà, dixxiplina u karizma. U għalkemm ir-riżultati finali mhux dejjem kienu kif mixtieqa, il-Mosta Football Club laħaq bena ***image*** rispettabbli ma' kulħadd.

Saru sforzi ġenwini biex it-tijm tagħna jagħmel progress kompetittiv u jilħaq l-għan ewlieni li fil-ġejjieni qrib nilagħbu mal-kbar. Bdiet ħidma sfieqa biex il-faċilitajiet sportivi eżistenti jitjiebu u jsiru ta' livel modern kif jitolbu ż-żminijiet. Wara li l-Club akkwista t-titolu fuq l-art tal-grawnd, il-Kumitat immexxi minn Charles Abela mpenja ruħu li fi żmien relattivament qasir jibdel l-art u l-wiċċ tal-grawnd minn waħda taż-żrar u ramel għal wiċċ miksi b'turf sintetiku. Is-sur Abela mexxa bosta rappreżentazzjonijiet mal-għola Awtorita' tal-pajjiż. Kien bil-għaqal u l-perseveranza tiegħu li akkwistajna għotja finanzjarja tajba biżejjed, li ma titfax spejjeż żejda li l-Klabb tagħna ma jiflaħx għalihom.

## Il-Proġett tal-Ground

Sakemm qed nikteb dan l-artiklu l-proġett tal-grawnd tal-Mosta b'turf sintetiku għadu mhux lest minn kollox. Jekk Alla jrid iżda, t-tfal, iż-żgħażagħ tagħna u tijms Mostin ser ikunu jistgħu jgawdu dan fi żmien qasir.

L-istorja ta' dan il-Ground li llum ingħata l-isem ta' "Charles Abela Football Stadium" għad trid tinkiteb. Anzi importanti li tinkiteb fid-dettal. Il-poplu Mosti tajjeb li jkun jaf x'wassal għal dak id-dewmien esaġerat biex il-piċċ b'turf sintetiku titlesta minn kollox. Kien hemm bosta fatturi, forsi l-aktar waħda gravi ġejja mill-ġirien. Jingħad li l-ġirien għamlu minn kollox biex iħarrbtu dan il-proġett tant mistenni u bżonnjuż. Imma kif jgħid il-Malti : "Iż-żejt dejjem jitla f'wiċċ l-ilma," u 'is-Sewwa dejjem jirbaħ'.

## Iż-żmien għad jagħtina parir u l-verità toħroġ kollha

Il-Kumitat tiegħi dejjem mexa bi prudenza kbira ma kulħadd u qatt ma waqa' għall-intimidazzjoni ta' ħadd. Żammejna kalmi, ħadna paċenzja u stennejna,



imma xi darba "l-istorja kollha tal-proġett tal-grâwnd bit-turf," għad trid tinkiteb.

Matul l-istagun 2008/9 il-Kumitat tal-Mosta FC kif kien xieraq, ħatar lil Onor. Charlo Bonnici li kien strumentali fl-akkwist ta' finanzi għal dan il-proġett mingħand il-Gvern Centrali, bħala koordinatur tax-xogħol. Miegħu kellu lill-Perit Chris Grech u s-Sur Noel Vella rappreżentanti tal-Kumitat.

## Futur Sabiħ

Kull min hu midħla tal-Mosta jaf li wara r-riżenja ta' Charles Abela minn President, il-Club tagħna għadda minn taqlib konsiderevoli. Uhud mill-uffiċjali u membri tal-Kumitat li servew tant tajjeb fis-snin ta' qabel, iddeċidew li ma jkomplux u waqt is-seduta ġenerali tal-2009, posthom imtela' minn oħrajn, fosthom il-President George Galea, il-Vici Presidenti Chris Grech u Noel Vella, s-Segretarju Pierre Mifsud u l-Kaxxier Michael Galea.

Tibdil fl-amministrazzjoni ġab miegħu ukoll tibdil fl-Istaff tekniku. Ma' l-ewwel skwadra ġie ngaġġat Oliver Spiteri Eks-kowċ tat-tijm Nazzjonali tal-Minors u Anton Cremona Eks Valletta. It-tijm tan-Nisa għadda f'idejn Eks Mosta plajer Ray Sant.

Kif inhu xieraq, bit-teknologija moderna tal-Kompjuter, il-Klabb Mosti għandu wkoll il-website tiegħu. *Website* attraenti, kulurita u aġġornata kif suppost. B'*webmaster* bħal Joe Muscat li f'idejh għandu wkoll il-pubblikazzjoni tas-Souvenir programm qabel kull logħba kompettittiva, l-Klabb tagħna llum bla tlaqlieq jiftaħar li rawwem wieħed mill-aqwa set-ups fil-Futbol Malti.

Il-Mosta Football Club wieħed mill-eqdem għaqdiet sportivi fil-lokal, illum sar Soċjeta' komplita. B'Kumitat serju u ħabrieki, tijm ta' players żgħażagħ u determinati, grawnd b'faċilitajjiet moderni u effikaċi, staff tekniku kwalifikat, Nursery organizzata tajjeb, djarju, pubblikazzjoni u *website* kulurita/informattiva u sapporters leali, il-Klabb Mosti b'sodisfazzjon llum qed iħares b'fiducja lejn futur isbaħ.



ZAMMIT ANTIQUES
DEALERS & RESTORERS
**Address:** 30, Triq il-Kurat Schembri, Mosta
(off Constitution Street from Ta' Marija Rest.)
Tel: 2141 9420 Mob: 9942 7126 / 7925 4648

OLYMPIC
Bar & Restaurant
TAX - XUFI
47, Constitution Street
Mosta
TEL: 2143 2067
Mob: 9942 3802